Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fil-21 ta’ Mejju 2015[1]

**Kawżi magħquda C-124/13 u C-125/13**

**Il-Parlament Ewropew u Il-Kummissjoni Ewopea**
**vs**

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

“Politika komuni tas-sajd — Talba għal annullament — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1243/2012 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet — Bażi legali — Portata tal-Artikolu 43(2) u tal-Artikolu 43(3) TFUE — Miżuri teknići ta’ implementazzjoni”

1. F’termini wiesgħa, il-kawżi inkwistjoni jirriflettu n-nuqqas ta’ qbil bejn l-istituzzjonijiet tal-UE dwar ir-rwol li għandu jkollu l-Parlament, post-Lisbona, fi ħdan il-proċedura li twassal għall-adozzjoni tal-pjanijiet pluriennali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd (iktar ’il quddiem il-“PKS”). Qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona, il-bażi legali għal miżuri li jirrigwardaw lis-sajd (kif ukoll lill-agrikoltura) kienet tinsab fl-Artikolu 37 KE. Skont dik id-dispożizzjoni, il-Kunsill assuma r-rwol prinċipali fl-adozzjoni tal-miżuri, filwaqt li l-Parlament kien igawdi biss minn importanza periferali permezz ta’ konsultazzjoni. Madankollu, dan ma għadux il-każ, billi issa anki l-PKS iddaħħlet fi ħdan l-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

2. F’dak il-kuntest, kemm il-Parlament kif ukoll il-Kummissjoni ressqu talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1243/2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet (iktar ’il quddiem ir-“regolament ikkontestat”)[2]. Dan minħabba li l-Kunsill neħħa żewġ dispożizzjonijiet mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni[3] li kienet ġiet ippreżentata lill-Parlament u lill-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE. Suċċessivament, il-Kunsill iddeċieda li jadotta dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet separatament f’att ibbażat fuq l-Artikolu 43(3) TFUE. Skont dik id-dispożizzjoni, il-Kunsill għandu s-setgħa illi jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

3. L-iskop ta’ din il-kawża huwa li jiġi ddeterminat jekk il-Kunsill kellux dritt jagħmel dan.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Regolament tad-19 ta’ Diċembru 2012 (ĠU L 352, p. 10).

3 — Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008, tat-18 ta’ Diċembru 2008, li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, COM (2012) 498 finali (iktar ’il quddiem il-“proposta tal-Kummissjoni”).

## I – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat*

4. L-Artikolu 43(2) TFUE jgħid li:

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jistabbilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli prevista fl-Artikolu 40(1) kif ukoll id-dispożizzjonijiet l-oħra meħtieġa għall-kisba ta' l-objettivi tal-politika agrikola komuni u l-[PKS]."

5. L-Artikolu 43(3) TFUE jipprovdi:

"Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, l-imposti, l-għajnuna u l-limitazzjonijiet kwantitattivi, kif ukoll dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd."

### B – *Ir-Regolament bażiku*

6. Ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku")[4] dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-PKS jistabbilixxi qafas għal miżuri li għandhom jittieħdu fis-settur tas-sajd u jipprovdi l-prinċipji bażiċi li jirregolaw dawk il-miżuri.

7. Il-premessa 6 tar-Regolament bażiku tipprovdi:

"L-għan ta' sfruttar sostenibbli jinkiseb aktar effettivament permezz ta' trattament fuq ħafna snin ta' maniġġjar ta' żoni tas-sajd, li jinvolvi pjanijiet ta' tmexxija għal ħafna snin f'limiti bijoloġiċi bla periklu. Għal ħażniet lil hinn mil-limiti bijoloġiċi bla periklu, l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru fuq diversi snin hi ta' prijorità assoluta. F'konformità ma' pariri xjentifiċi, tnaqqis sostanzjali mill-isforz għas-sajd jista' jkun meħtieġ għal dawn il-ħażniet."

8. Skont il-premessa 7 tar-Regolament bażiku:

"Dawn il-pjanijiet fuq numru ta' snin għandhom jistabbilixxu miri għall-isfruttar sostenibbli tal-ħażniet konċernati, joħolqu regoli dwar il-qbid li jippreskrivu l-mod kif il-limiti dwar l-isforzi għal qabdiet u/jew sajd għandhom jiġu kalkolati u jiddisponu għal miżuri oħra speċifiċi ta' amministrazzjoni, waqt li jitqies ukoll l-effett fuq speċi oħra."

9. L-Artikolu 1 tar-Regolament bażiku jiddefinixxi l-portata tal-PKS b'dan il-mod:

"1. Il-[PKS] għandha tkopri l-konservazzjoni, l-amministrazzjoni u l-isfruttar tar-riżorsi akwatiċi ħajjin, ta' l-akwakultura, u tal-proċessar u l-marketing ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura meta dawn l-attivitajiet jitwettqu fuq it-territorju ta' Stati Membri jew f'ilmijiet tal-Komunità jew minn bastimenti tas-sajd tal-Komunità jew, bla ħsara għar-responsabbiltà ewlenija ta' l-Istat tal-bandiera, minn ċittadini ta' Stati Membri.

2. Il-[PKS] għandha tiddisponi għal miżuri koerenti dwar:

(a) konservazzjoni, amministrazzjoni u sfruttar ta' riżorsi akwatiċi ħajjin,

4 — Regolament tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 5, p. 460).

[…]"

10. L-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku jiddefinixxi l-objettivi tal-PKS:

"1. Il-[PKS] għandha tiżgura l-isfruttar tar-riżorsi akwatiċi ħajjin li joħolqu kondizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

Għal dan il-għan, il-Komunità għandha tapplika trattament kawt fit-teħid ta' miżuri maħsuba biex iħarsu u jikkonservaw riżorsi akwatiċi ħajjin, biex jaħsbu għall-isfruttar sostenibbli tagħhom u biex inaqqsu kemm jista' jkun l-impatt ta' l-attivitajiet tas-sajd fuq l-eko-sistemi tal-baħar. Għandha timmira lejn implimentazzjoni progressiva ta' trattament bażat fuq eko-sistema fl-amministrazzjoni ta' żoni tas-sajd. Għandha timmira lejn implimentazzjoni progressiva ta' trattament bażat fuq eko-sistema fl-amministrazzjoni ta' żoni tas-sajd. Għandha timmira biex tikkontribwixxi għal attivitajiet ta' sajd effiċjenti f'industrija ta' sajd u akwakultura ekonomikament vijabbli u kompetittiva.

2. Il-[PKS] għandha tkun iggwidata mill-prinċipji ta' governanza tajba li ġejjin:

[…]

(b) proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet bażat fuq pariri xjentifiċi sodi li jagħtu riżultati fil-ħinijiet mistennija;

[…]

(d) konsistenza ma' politika oħra tal-Komunità, b'mod partikolari ma' politika ambjentali, soċjali, dwar żvilupp, saħħa u ħarsien tal-konsumatur."

11. L-Artikolu 4 jiddefinixxi t-tipi ta' miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS. Sabiex jiġu stabbiliti l-miżuri, għandhom jiġu kkunsidrati pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli u b'mod speċjali r-rapporti magħmula mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd. B'mod partikolari, dawk il-miżuri jistgħu jinkludu miżuri għal kull stokk jew grupp ta' stokkijiet sabiex jillimitaw il-mortalità tas-sajd u l-impatt ambjentali fuq l-attivitajiet tas-sajd billi, skont l-Artikolu 4(2):

"[…]

(a) jiġu adottati pjanijiet ta' rkupru skond l-Artikolu 5;

(b) jiġu adottati pjanijiet ta' maniġġjar skond l-Artikolu 6;

(ċ) jiġu stabbiliti miri dwar l-isfruttar sostenibbli ta' ħażniet;

(d) jiġu limitati l-qabdiet;

(e) jiġu ffissati n-numru u t-tip ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati biex jistadu;

(f) jiġi limitat l-isforz tas-sajd;

(g) jiġu adottati miżuri tekniċi, inklużi:

   (i) miżuri dwar l-istruttura ta' tagħmir għas-sajd, in-numru u d-daqs ta' tagħmir għas-sajd abbord, il-metodi dwar l-użu tagħhom u minn xiex ikunu magħmula l-qabdiet li jistgħu jinżammu abbord meta jsir sajd b'dak it-tagħmir;

[…]

(h) billi jinħolqu inċentivi, inklużi dawk ta' natura ekonomika, li jippromwovu sajd aktar selettiv jew b'impatt inqas;

[…]"

12. L-Artikolu 5 jirrigwarda pjanijiet ta' rkupru. Dan jipprovdi:

"1. Il-Kunsill għandu jadotta, bi prijorità, pjani ta' rkupru dwar ħażniet għall-isfruttar f'żoni tas-sajd li jinsabu barra mil-limiti bijoloġiċi bla periklu.

2. L-għan ta' pjanijiet ta' rkupru għandu jkun li jiżgura l-irkupru ta' ħażniet jinżamm f'limiti bijoloġiċi bla periklu.

Għandhom jinkludu punti ta' referenza dwar konservazzjoni bħal miri li kontra tagħhom l-irkupru tal-ħażniet sa limiti bijoloġiċi bla periklu għandhom ikunu assessjati.

Il-miri għandhom jiġu espressi f'termini ta':

(a) daqs ta' popolazzjoni u/jew

(b) produzzjoni fuq medda ta' żmien u/jew

(ċ) rata ta' mortalità tas-sajd u/jew

(d) stabbiltà ta' qbid […]

3. […]

Il-pjanijiet ta' rkupru għandhom ikunu għal numru ta' snin u jindikaw il-qafas ta' żmien mistenni biex jintlaħqu l-miri stabbiliti.

4. Pjanijiet ta' rkupru jistgħu jinkludu kull miżura msemmija fil-punti (ċ) sa (h) tal-Artikolu 4(2) kif ukoll ir-regoli dwar il-ġbir li jikkonsistu f'numru determinat minn qabel ta' parametri bijoloġiċi li jirregolaw il-limiti ta' qbid.

Pjanijiet ta' rkupru għandhom jinkludu limitazzjonijiet fuq l-isforz tas-sajd sakemm dan mhux meħtieġ biex jinkiseb l-għan tal-pjan […]

[…]"

C – *Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008* [5]

13. Ir-Regolament Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 (il-"Pjan għall-Merluzz") ġie adottat mill-Kunsill abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament skont l-Artikolu 37 KE.

5 — Regolament tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 348, p. 20).

14. Il-premessa 7 tar-Regolament Nru 1342/2008 tipprovdi:

"Sabiex jiġi żgurat li l-miri ta' mortalità mis-sajd jintlaħqu, u sabiex jiġi minimizzat ir-rimi, l-opportunitajiet tas-sajd fir-rigward tal-isforz tas-sajd għandhom ukoll ikunu stabbiliti f'livelli li jkunu konsistenti mal-istrateġija pluriennali. Opportunitajiet ta' sajd bħal dawn għandhom, kemm jista' jkun, jiġu definiti relattivament għat-tipi ta' rkaptu tas-sajd abbażi tal-prattika attwali tas-sajd. Huwa meħtieġ li tiġi prevista reviżjoni perjodika tal-effikaċja tas-sistema ta' ġestjoni u li jiġi żgurat partikolarment li, meta l-istokkijiet tal-merluzz ikunu laħqu livelli li jippermettu sfruttament li jagħti rendiment sostenibbli massimu, is-sistema ta' regolamentazzjoni tal-isforz tas-sajd tiġi riveduta."

15. Il-premessa 9 ta' dan ir-regolament tipprovdi:

"L-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-limiti tal-qbid, l-iffissar tal-livelli minimi u ta' prekawzjoni tal-istokkijiet u tal-livell tar-rati ta' mortalità mis-sajd, kif ukoll l-isforz massimu permissibbli għal kull grupp ta' sforz mill-Istat Membru u l-esklużjoni ta' ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz stabbilit f'dan ir-Regolament huma miżuri ta' importanza ewlenija fil-[PKS]. Huwa adatt li l-Kunsill għandu jżomm id-dritt huwa stess sabiex jeżerċita direttament il-poteri implimentattivi fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet speċifiċi."

16. Skont l-Artikolu 1 segwenti, ir-regolament jistabbilixxi pjan għal erba' stokkijiet tal-merluzz li jikkorrispondu għal erba' żoni ġeografiċi, li huma l-Kattegat, il-Baħar ta' Fuq, l-Iskagerrak u l-Kanal tal-Lvant, il-Punent tal-Iskozja u l-Baħar Irlandiż.

17. L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1342/2008 jispeċifika l-objettiv tal-pjan pluriennali kif ġej:

"1. Il-pjan imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jiżgura l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet ta' merluzz abbażi ta' rendiment sostenibbli massimu.

2. L-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkiseb waqt li tinżamm il-mortalità, hawn taħt indikata, mis-sajd fir-rigward [tal-] merluzz [fi] gruppi adatti ta' età […]

3. Għall-istokk tal-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana, is-Skagerrak u l-Kanal tal-Lvant, l-objettiv stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jintlaħaq filwaqt li tinżamm il-mortalità mis-sajd [għall-] merluzz [fi] gruppi adatti ta' età msemmija fl-Artikolu 8."

18. Sabiex jintlaħaq l-objettiv stabbilit bl-Artikolu 5, l-Artikoli 6 sa 10 tar-Regolament Nru 1342/2008 jipprovdu regoli speċifiċi rigward il-qabdiet totali permissibbli ("TAC"). L-Artikoli 11 sa 17 tar-Regolament jistabbilixxu limiti għall-isforzi tas-sajd.

19. B'mod iktar speċifiku, il-verżjoni tar-Regolament Nru 1342/2008 fis-seħħ qabel ġie emendat bir-regolament ikkontestat, kienet tinkludi Artikolu 9 li jipprovdi regoli dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-impostazzjoni ta' TACs fejn ir-regoli predefiniti skont l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ma setgħux jiġu applikati minħabba l-assenza ta' informazzjoni meħtieġa. L-Artikolu 12 ta' dak ir-regolament stabbilixxa l-metodu sabiex jiġi kkalkolat l-isforz tas-sajd massimu permissibbli.

### D – *Ir-regolament ikkontestat*

20. Il-proposta tal-Kummissjoni li temenda numru ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1342/2008 ġiet adottata fit-12 ta' Settembru 2012. Il-proposta kienet ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE. Billi reviżjoni iktar komprensiva tal-Pjan għal-Merluzz kien tħabbar għal stadju ulterjuri, il-proposta tal-Kummissjoni kienet intiża bħala soluzzjoni *interim* sabiex tirrisolvi wħud mill-iktar problemi

urġenti identifikati[6]. Il-proposta ntbagħtet lill-Parlament u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), fil-jum tal-adozzjoni.

21. B'żieda mal-emendi li l-Kunsill eventwalment iddeċieda li jadotta f'regolament separat skont l-Artikolu 43(3) TFUE, kif spjegat hawn taħt, l-emendi proposti kienu jikkonċernaw — b'mod partikolari, iżda mhux esklużivament — il-metodoloġija li l-Istati Membri għandhom japplikaw meta jikkalkolaw l-isforzi tas-sajd (emenda għall-Artikolu 4), is-simplifikazzjoni tal-proċedura li teskludi ċerti bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd (emenda għall-Artikolu 11 u d-dħul tal-Artikoli 11a sa 11d), u l-obbligi tal-Istati Membri li jindirizzaw livelli għolja ta' rimi u li tiżgura monitoraġġ xieraq u kontroll tal-inċentivi pprovduti bl-Artikoli 11 u 13 (emenda għall-Artikolu 14).

22. Ir-regolament ikkontestat ġie adottat fid-19 ta' Diċembru 2012 abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE. B'dan ir-regolament, il-Kunsill emenda l-Artikoli 9 u 12 tar-Regolament Nru 1342/2008.

23. Ir-raġuni sabiex jiġi adottat ir-regolament ikkontestat abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE, minflok l-Artikolu 43(2) TFUE, ġiet spjegata fil-premessa 8 tar-regolament:

"L-emendi għall-Artikoli 9 u 12 jistabbilixxu regoli speċifiċi dettaljati għall-fini tal-iffissar tal-opportunitajiet ta' sajd espress permezz tat-TAC u tal-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd. Huma jadattaw ir-regoli applikabbli attwali għall-iffissar ta' opportunitajiet ta' sajd mingħajr ma jemendaw l-objettiv tal-Pjan għall-Merluzz. Konsegwentement, huma miżuri għall-iffissar u l-allokazzjoni tat-TACs u l-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd u ma jistgħux jiġu kkunsidrati la bħala dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tas-sajd, u lanqas bħala dispożizzjonijiet oħra meħtieġa għall-insegwiment tal-objettivi tal-[PKS]."

24. Ir-regolament ikkontestat jissostitwixxi l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1342/2008 u jistabbilixxi proċedura speċjali għall-impostazzjoni tat-TACs:

"1. F'każijiet fejn ma jkunx hemm biżżejjed tagħrif biex it-TACs jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 7, it-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Kattegat, fil-Punent tal-Iskozja u fil-Baħar Irlandiż għandhom jiġu stabbiliti fil-livell indikat mill-parir xjentifiku. Madankollu, jekk il-livell indikat mill-parir xjentifiku jkun ogħla mit-TACs tas-sena ta' qabel b'iktar minn 20 %, dawn għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jkun 20 % ogħla mit-TACs tas-sena ta' qabel, jew jekk il-livell indikat fil-parir xjentifiku jkun inqas mit-TACs tas-sena ta' qabel b'iktar minn 20 %, dawn għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jkun 20 % inqas mit-TACs tas-sena ta' qabel.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, fejn il-parir xjentifiku jindika li m'għandu jkun hemm ebda sajd dirett u li:

(a) il-qabda inċidentali għandha tiġi mminimizzata jew imnaqqsa għall-iktar livell baxx possibbli; u/jew

(b) il-qabdiet ta' merluzz għandhom jitnaqqsu għall-iktar livell baxx possibbli;

il-Kunsill jista' jiddeċiedi li ma japplikax aġġustament annwali għat-TAC fis-sena sussegwenti jew fis-snin sussegwenti, bil-kondizzjoni li t-TAC stabbilit ikun biss għall-qabda inċidentali.

3. F'każijiet fejn ma jkunx hemm biżżejjed tagħrif biex it-TACs jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 8, it-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana, fi Skagerrak u fil-Kanal tal-Lvant għandhom jiġu stabbiliti billi jiġu applikati l-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu *mutatis mutandis*, sakemm il-konsultazzjonijiet man-Norveġja ma jwasslux għal livell differenti tat-TAC.

6 — L-ispjegazzjonijiet li hemm mal-proposta; COM (2012) 498 finali, p. 2 sa 4.

4. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 8(1) sa (4) mhijiex adatta biex jintlaħqu l-objettivi tal-pjan, il-Kunsill jista', minkejja d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, jiddeċiedi fuq livell alternattiv tat-TAC."

25. L-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1342/2008 kien ukoll emendat bir-regolament ikkontestat. Fil-verżjoni emendata, il-paragrafi 4 u 6 ta' dak l-artikolu jipprovdu:

"4. Għall-gruppi aggregati tal-isforz li l-perċentwal tal-qabda kumulattiva tagħhom, ikkalkulat skont il-paragrafu 3(d), huwa ta' 20 % jew ta' iktar minn hekk, għandhom japplikaw l-aġġustamenti annwali. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli tal-gruppi kkonċernati għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) f'każijiet fejn japplikaw l-Artikoli 7 jew 8, billi jiġi applikat l-istess perċentwal ta' aġġustament għall-valur ta' referenza bħal dak stabbilit f'dawk l-Artikoli għall-mortalità mis-sajd;

(b) f'każijiet fejn japplika l-Artikolu 9, billi jiġi applikat l-istess perċentwal ta' aġġustament għall-isforz tas-sajd bħal dak applikat għat-TAC meta mqabbel ma' tas-sena ta' qabel.

[...]

6. B'deroga mill-paragrafu 4, meta l-isforz tas-sajd massimu permissibbli jkun tnaqqas għal erba' snin konsekuttivi, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li ma japplikax aġġustament annwali għall-isforz tas-sajd massimu permissibbli fis-sena ta' wara jew fis-snin ta' wara."

## II – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet**

26. Permezz tar-rikors tiegħu fil-Kawża C-124/13, il-Parlament jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla r-regolament ikkontestat; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

27. Permezz tar-rikors tagħha fil-Kawża C-125/13, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla r-regolament ikkontestat;

— iżżomm fis-seħħ l-effetti tar-Regolament tal-Kunsill annullat għal perijodu raġonevoli wara s-sentenza tal-Kawża C-125/13, jiġifieri, għal massimu ta' sena kalendarja sħiħa li tibda mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sentenza; u wkoll

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

28. Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' April 2013, il-Kawża C-124/13 u l-Kawża C-125/13 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza. B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2013, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika tal-Polonja ġew ammessi sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kunsill fiż-żewġ istanzi.

29. Fid-difiża konġunta tagħha għaż-żewġ kawżi, il-Kunsill jeċċepixxi — sostnut mill-gvernijiet intervenjenti fuq diversi punti — li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad fl-intier tagħhom, għal raġunijiet sostantivi, it-talbiet imressqa mill-Parlament u mill-Kummissjoni;

— tikkundanna lill-Parlament u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri;

— sussidjarjament, jekk, u fil-każ illi, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla r-regolament ikkontestat, tiddikjara li l-effetti tar-regolament ikkontestat huma finali.

30. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-Parlament, mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, kif ukoll mill-gvernijiet ta' Spanja, ta' Franza u tal-Polonja, li lkoll instemgħu fis-seduta tal-24 ta' Frar 2015.

## III – **Analiżi**

### A – *L-argumenti prinċipali tal-partijiet*

31. Fil-Kawża C-124/13, permezz tal-uniku motiv tiegħu, il-Parlament jirrileva li r-regolament ikkontestat huwa illegali peress illi ġie adottat fuq bażi legali żbaljata. Il-Parlament jargumenta li, tenut kont l-għan u l-kontenut ta' dak ir-regolament, kellu jiġi adottat abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE, permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja bil-Parlament jaġixxi bħala koleġiżlatur.

32. F'dan is-sens, il-Parlament jasserixxi b'mod partikolari li pjanijiet pluriennali, bħall-pjan inkwistjoni f'dawn il-kawżi, jikkostitwixxu għodda għall-konservazzjoni u l-immaniġġar tal-istokkijiet tal-ħut. Kull pjan huwa intier u jinkludi biss dispożizzjonijiet intiżi li jilħqu l-objettivi ta' sostenibbiltà u konservazzjoni tal-PKS. Għaldaqstant, pjanijiet bħal dawn għandhom jiġu adottati b'mod intier skont l-Artikolu 43(2) TFUE.

33. Il-Parlament jilmenta wkoll għad-diviżjoni tal-proposta tal-Kummissjoni. Fl-opinjoni tal-Parlament, diviżjoni hija abbuż tal-proċedura u twarrab il-kontenut kollu tal-ġurisprudenza li tirrigwarda r-relazzjoni vitali bejn il-bażi legali ta' att u ċ-ċentru tal-gravità tiegħu. B'konsegwenza, bid-diviżjoni tal-proposta, il-Kunsill seta' jagħżel b'mod artifiċjali bażi legali separata għal ċerti elementi tal-att propost, filwaqt li l-elementi kollha tal-att kienu jkunu milħuqa b'bażi legali waħda tal-Artikolu 43(2) TFUE, li kieku l-att ġie adottat u integrat b'mod sħiħ, kif propost inizjalment.

34. Fil-Kawża C-125/13, il-Kummissjoni tibbaża r-rikors tagħha fuq tliet motivi.

35. Fl-ewwel lok, bħala motiv prinċipali u fl-istess linja tal-Parlament, il-Kummissjoni tikkontesta l-bażi legali preżunta għar-regolament ikkontestat. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill ma kellu ebda dritt li jiddividi l-proposta tal-Kummissjoni u li jadotta parti minnha abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE. Il-Kummissjoni ssostni li l-proposta kellha tkun ibbażata, fl-intier tagħha, fuq l-Artikolu 43(2), tenut kont li d-dispożizzjonijiet tar-regolament ikkontestat ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-Artikolu 43(3) billi jħallu impatt fuq għażliet ta' politika f'dan il-qasam.

36. Fit-tieni lok, skont il-Kummissjoni, bid-diviżjoni tal-proposta u bl-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, il-Kunsill segwa proċedura deċiżjonali li marret kontra l-prerogattivi istituzzjonali tal-Parlament u tal-KESE, jiġifieri, injora d-dritt tal-Parlament li jipparteċipa u d-dritt tal-KESE li jkun debitament ikkonsultat.

37. Fit-tielet lok, il-Kummissjoni tasserixxi li d-dritt ta' inizjattiva esklużiv tagħha nkiser b'riżultat tal-kambjament fil-bażi legali għar-regolament ikkontestat. Essenzjalment, din l-infrazzjoni seħħet billi l-kambjament biddel b'mod fundamentali n-natura tal-proposta tal-Kummissjoni.

38. Il-Kunsill — sostnut mill-gvernijiet intervenjenti — jikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti. Fl-opinjoni tiegħu, ir-regolament ikkontestat jikkostitwixxi miżura għall-iffissar u għall-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd u fil-fatt kienet ibbażat b'mod korrett fuq l-Artikolu 43(3) TFUE. Il-Kunsill jargumenta li l-kunsiderazzjonijiet li wassluh għad-diviżjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u li jadotta numru ta' dispożizzjonijiet permezz ta' att separat jirrigwarda l-għan u l-kontenut tal-proposta. Huwa għalhekk illi l-Kunsill ma jarax kif id-deċiżjoni li jiddividi l-proposta setgħet b'xi mod tinterferixxi mad-dritt ta' inizjattiva esklużiv tal-Kummissjoni.

B – *Kuntest*

39. F'termini kostituzzjonali, l-importanza ta' dawn il-kawżi ma tistax tiġi stmata żżejjed. Dan minħabba l-fatt li ddur fuq il-portata li tiġi attribwita lill-Artikoli 43(2) u 43(3) TFUE rispettivament għall-finijiet ta' miżuri ta' adozzjoni (leġiżlattivi u oħrajn) fir-rigward tal-agrikoltura u s-sajd. F'dan is-sens, l-approċċ adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-ambitu ta' kull waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet ikollu konsegwenzi fit-tul fir-rigward tar-rwol applikat minn istituzzjonijiet differenti u l-proċeduri deċiżjonali segwiti f'dan il-qasam. Ikkunsidrati minn din il-pożizzjoni istituzzjonali, ma hemmx għalfejn jingħad illi l-interessi f'dawn il-kawżi huma tassew għolja.

40. B'mod iktar speċifiku, il-qofol ta' dan il-kawżi jibbaża fuq id-determinazzjoni tar-rwoli tal-istituzzjonijiet tal-UE post-Lisbona f'miżuri ta' adozzjoni fil-qasam tas-sajd u, partikolarment, il-parametri preċiżi tal-kompetenza tal-Kunsill li jaġixxi mingħajr il-Parlament f'dak il-qasam.

41. Huwa veru illi l-bażi legali korretta għal miżura partikolari tal-UE għandha tiġi evalwata skont il-każ. Huwa veru wkoll illi l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma kkunsidratx il-linja ta' demarkazzjoni bejn l-Artikoli 43(2) u 43(3) TFUE fil-kuntest ta' miżuri intra-UE. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat kif dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fil-kuntest ta' relazzjonijiet esterni tal-UE. F'sentenza reċenti li tikkonċerna l-kompetenzi esterni tal-Unjoni Ewropea li jirrigwardaw l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd lil bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela f'ibħra tal-UE 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża[7], il-Qorti tal-Ġustizzja ddistingwiet bejn dawk iż-żewġ bażijiet legali.

42. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment ipprovdiet illi l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 43(2) TFUE tinvolvi evalwazzjoni dwar jekk dawk id-dispożizzjonijiet humiex meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi marbuta mal-politiki komuni rregolati mit-Trattat FUE. Iktar importanti, dik l-evalwazzjoni tirrikjedi deċiżjoni fuq politika li għandha tkun irriżervata għal-leġiżlatur tal-Unjoni.

43. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat ukoll illi s-sitwazzjoni hija differenti fil-kuntest tal-Artikolu 43(3) TFUE, li taħtu għandhom jiġu adottati miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd. Iktar kruċjali, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ebda evalwazzjoni korrispondenti ma hija meħtieġa skont dik il-bażi legali. Dan peress illi l-miżuri meħuda skont dik id-dispożizzjoni huma ta' natura prinċipalment teknika u meqjusa li jittieħdu sabiex *jeżegwixxu d-dispożizzjonijiet adottati abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE.*

44. Huwa ċertament veru illi dawn il-kawżi jvarjaw mill-kawża li wasslet għas-sentenza Venezwela fir-rigward tal-isfond u, sa ċertu punt, tal-kuntest legali. Madankollu, punt li ma jistax jiġi injorat huwa li, f'dawk iċ-ċirkustanzi ċertament differenti, il-Qorti tal-Ġustizzja — bħala Awla Manja — spjegat kif l-Artikoli 43(2) u 43(3) TFUE għandhom jiġu interpretati. Issa, huwa vitali li jitfakkar li kemm imsieħba legali u dawk ekonomiċi jirrispettaw l-awtorità li toħroġ mill-ġurisprudenza ta' din il-Qorti tal-Ġustizzja u jadattaw l-atteġġament tagħhom kif mistenni. Dan huwa speċjalment fil-każ ta' din is-sitwazzjoni partikolari, fejn din il-ġurisprudenza għandha rwol kruċjali fl-ifformar tal-liġi. Huwa

7 — Is-sentenza Il-Parlament u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-103/12 u C-165/12, EU:C:2014:2400, punt 50 (iktar 'il quddiem is-"sentenza Venezwela").

għalhekk illi nemmen li għandu jkun hemm raġunijiet importanti li jirrigwardaw iċ-ċertezza legali li tirrikjedi li tiġi rrispettata l-awtorità ta' sentenza reċenti ta' Awla Manja u li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 43(2) u tal-Artikolu 43(3) TFUE stabbiliti fiha jiġu segwiti. Fil-fatt ma nara l-ebda raġuni valida għaliex dik l-interpretazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet ma għandhiex tkun valida għal din il-kawża wkoll.

45. B'dan il-ħsieb, huwa neċessarju li wieħed jara l-implikazzjonijiet tas-sentenza Venezwela għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw miżuri intra-UE. Kif ser nipprova nuri, mis-sentenza Venezwela jsegwi li l-Artikolu 43(3) TFUE għandu jiġi interpretat li jipprovdi l-bażi legali għall-adozzjoni ta' tip speċjali ta' miżura ta' implementazzjoni u dik, fiha nfisha, hija subordinata fil-ġerarkija għall-bażi legali mogħtija fl-Artikolu 43(2) TFUE.

46. Qabel jiġi indirizzat ir-regolament ikkontestat b'mod speċifiku, ser nagħmel ftit osservazzjonijiet rigward il-portata tal-Artikolu 43(2) u tal-Artikolu 43(3) TFUE rispettivament b'mod iktar ġenerali. Fl-aħħar nett, ser nindirizza fil-qosor kwistjonijiet oħra pendenti mressqa b'dawn il-kawżi.

### C – *Il-portata tal-Artikolu 43(3) TFUE*

#### 1. L-Artikolu 43(3) TFUE fil-konfront tal-Artikolu 43(2) TFUE

##### a) In-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet

47. Is-sentenza Venezwela ngħatat wara li kienet għalqet il-proċedura bil-miktub f'dawn il-kawżi. Fid-dawl ta' dak li stħarrġet il-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza, ma huwiex sorprendenti kif ir-rikorrenti sostnew il-pożizzjonijiet tagħhom u l-Kunsill ipprova jimminimizza l-konsegwenzi għall-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

48. B'dan stabbilit, iż-żewġ rikorrenti komplew jikkontendu illi l-Artikolu 43(3) TFUE huwa eċċezzjoni għall-Artikolu 43(2) TFUE u għalhekk għandu jkun interpretat b'mod restrittiv. Essenzjalment, dan tal-aħħar jikkostitwixxi bażi xierqa għal kull miżura leġiżlattiva meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS. Min-naħa l-oħra, tal-ewwel, huwa biss bażi għal miżuri ta' implementazzjoni mniżżlin fih u, b'mod partikolari, għal miżuri li jiffissaw u jallokaw opportunitajiet tas-sajd. Madankollu, il-Kummissjoni tadotta approċċ ftit iktar flessibbli u taċċetta li l-Artikolu 43(3) TFUE jista' jifforma wkoll bażi legali xierqa għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri funzjonalment relatati li jmorru lil hinn minn sempliċi ffissar u allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd. Fi kwalunkwe każ, skont ir-rikorrenti, miżuri adottati skont l-Artikolu 43(3) TFUE jikkostitwixxu tip speċjali ta' miżura ta' implementazzjoni li huwa adottat skont proċedura *sui generis* stabbilita f'dik id-dispożizzjoni. B'mod partikolari, il-Parlament enfasizza l-fatt illi kwalunkwe deċiżjoni li tirrikjedi għażliet politiċi għandha tittieħed abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE fi proċedura leġiżlattiva li tinvolvi kemm lill-Parlament kif ukoll lill-Kunsill.

49. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll mill-interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 43(3) TFUE li jibbaża fuqha l-Kunsill. Il-Kunsill jikkontendi li l-frażi "miżuri dwar" u l-ekwivalenti tagħha f'diversi verżjonijiet lingwistiċi (u, b'mod partikolari, fil-Franċiż) jindikaw ċar li dik id-dispożizzjoni hija wkoll intiża li tkopri ċerti regoli li jmorru lil hinn minn sempliċi ffissar ta' opportunitajiet tas-sajd. Il-Parlament u l-Kummissjoni jargumentaw illi ma tistax tiddeduċi tali konklużjoni sempliċement mill-kliem ta' dik id-dispożizzjoni, mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest iktar wiesa' tagħha.

50. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill, sostnut mill-gvernijiet intervenjenti, ikompli jargumenta li l-użu tal-frażi "għandu jadotta l-miżuri dwar" fl-Artikolu 43(3) TFUE jissuġġerixxi illi dik id-dispożizzjoni tista' tintuża wkoll bħala bażi legali għal miżuri lil hinn minn dawk li jiffissaw u jallokaw opportunitajiet tas-sajd. B'hekk, l-Artikolu 43(3) TFUE jkopri mhux biss dritt kwantifikat li tistad li

jista' jiġi espress f'diversi modi, bħat-TAC, iżda wkoll miżuri funzjonalment konnessi. Fl-opinjoni tal-Kunsill, l-Artikolu 43(3) TFUE huwa bażi legali separat u awtonomu u mhux eċċezzjoni għall-Artikolu 43(3) TFUE. Dan jikkostitwixxi *lex specialis* fil-konfront tal-*lex generalis* stabbilita fl-Artikolu 43(2) TFUE u, b'hekk, ma għandux jiġi interpretat restrittivament.

51. Għaldaqstant, il-Kunsill jopponi l-interpretazzjoni, proposta mir-rikorrenti, inkwantu l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tgawdi supremazija fuq atti oħra adottati skont l-Artikolu 43(3) TFUE. Għall-kuntrarju, il-Kunsill jargumenta li l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 43(3) TFUE jikkostitwixxu bażijiet legali awtonomi u ma hemmx relazzjoni ġerarkika bejniethom. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jikkontesta wkoll l-argument li sakemm miżura tkun konnessa ma' objettivi tal-PKS, għandha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE, u li ebda miżura ma tista' tkun adottata abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE mingħajr deċiżjoni minn qabel dwar għażliet politiċi fir-rigward tal-PKS skont l-Artikolu 43(2) TFUE[8].

b) L-Artikolu 43(3) TFUE bħala bażi legali *sui generis* għal miżuri ta' implementazzjoni

52. L-ewwel punt illi nixtieq nagħmel huwa li, sabiex jissostanzjaw it-talbiet tagħhom, kemm ir-rikorrenti u l-Kunsill jibbażaw fuq il-kliem u l-kuntest storiku tal-Artikolu 43(2) TFUE u tal-Artikolu 43(3) TFUE, kif ukoll fuq interpretazzjoni sistematika u teleoloġika ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Fl-opinjoni tiegħi, dawk l-argumenti jistgħu jintużaw bħala difiża għaż-żewġ linji ta' ħsieb.

53. Anki jekk, fil-bilanċ, għandi iktar simpatija għall-argumenti tal-Kunsill fir-rigward tal-portata tal-Artikolu 43(2) TFUE u tal-Artikolu 43(3) TFUE, fir-raġunar tiegħi, dan ma huwiex raġuni suffiċjenti sabiex nipproponi tluq mil-linja ta' demarkazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Venezwela.

54. Tabilħaqq, id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza ftit li xejn jistgħu jitqiesu li huma *obliter dicta*. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja rrimarkat — wara analiżi dettaljata kemm tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat u tal-għan u l-kuntest tad-dikjarazzjoni inkunsiderazzjoni f'dik il-kawża[9] — li deċiżjoni awtonoma meħuda abbażi ta' interessi ta' politika tal-UE tappartjeni fi ħdan l-isfera ta' kompetenza tal-leġiżlatur tal-UE u li l-Artikolu 43(3) TFUE jiġi applikabbli fir-rigward ta' miżuri tekniċi primarji li jimplementaw dawk l-għażliet[10].

55. Madankollu, qabel nanalizza r-regolament ikkontestat b'referenza għal dik id-dikjarazzjoni, nixtieq nagħmel numru ta' osservazzjonijiet fid-dawl tal-argumenti litterali, kuntestwali u teleoloġiċi mressqa mill-partijiet.

i) Il-kuntest

56. *Prima facie*, ma nara l-ebda raġuni konvinċenti għaliex l-Artikolu 43(3) TFUE ma jistax jiġi interpretat li jkopri wkoll varjetà relattivament wiesgħa ta' miżuri li b'xi mod "jirrigwardaw" l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd[11]. Dawn jistgħu jinkludu miżuri li b'xi mod huma wkoll meħtieġa sabiex fil-fatt jiffissaw u jallokaw opportunitajiet tas-sajd (bħall-metodu għall-iffissar ta' limiti

8 — Għandu jiġi speċifikat illi fil-fatt, il-Kummissjoni tadotta pożizzjoni iktar sfumata f'dan ir-rigward. Targumenta illi, meta ma teżisti ebda miżura leġiżlattiva skont l-Artikolu 43(2) TFUE, l-Artikolu 43(3) TFUE jista' jiġi applikat mill-Kunsill għal miżuri mhux leġiżlattivi intiżi li jilħqu l-objettivi tal-PKS. B'kuntrast, meta att ikun ġie adottat skont l-Artikolu 43(2) TFUE, il-Kunsill huwa marbut b'dak il-qafas meta jadotta miżuri taħt il-paragrafu 3.

9 — Punti 47 sa 79 tas-sentenza Venezwela.

10 — B'mod partikolari, il-punti 79 sa 81 tas-sentenza.

11 — Ara, fir-rigward tal-kliem u kif dan il-kliem jista' jiġi interpretat, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawżi magħquda Il-Parlament u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-103/12 u C-165/12, EU:C:2014:334 (il-"konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Venezwela") u, b'mod partikolari, punt 160.

ta' qbid jew illimitar tal-isforzi tas-sajd, ta' rilevanza hawnhekk). Dawk il-miżuri jistgħu anki jitqiesu fost il-mezzi meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS sal-punt illi dawn jirrelataw għall-iffissar u għall-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd. L-ebda qari kuntestwali, sew jekk tal-Artikolu 43(3) TFUE bħala parti mill-Artikolu 43 TFUE jew fil-konfront tal-kuntest storiku ta' dik id-dispożizzjoni, ma jidher li jagħti indikazzjoni ċara dwar l-interpretazzjoni li għandha tiġi segwita.

57. B'mod iktar speċifiku, jidhirli li kunsiderazzjoni tal-kuntest storiku huwa inkonklużiv. Qabel ma daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, ebda dispożizzjoni tat-Trattati ma kienet tindirizza speċifikament il-proċeduri għall-iffissar u għall-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd. Minflok, l-Artikolu 20(1) tar-Regolament bażiku stabbilixxa l-proċedura sabiex jiddeċiedi dwar "il-limiti ta' qbid u/jew limiti għall-opportunitajiet tas-sajd u dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet assoċjati ma' dawk il-limiti". Dawk il-miżuri — jiġifieri, l-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd u ċerti miżuri anċillari — kellhom jiġu adottati mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-Parlament ma kienx involut.

58. F'dan l-istadju, nosserva li ma huwiex kompletament ċar għalija dwar il-fatt li jrid jiġi awtomatikament invokat parallel bejn l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 43(3) TFUE. Jew tabilħaqq, bejn l-Artikolu 37 KE u l-Artikolu 43(2) TFUE, wara kollox.

59. Kif josserva l-Kunsill, l-Artikoli 43(2) u 43(3) TFUE ġew introdotti bit-Trattat ta' Lisbona sabiex tiġi sostitwita dispożizzjoni waħda, l-Artikolu 37 KE, li kienet il-bażi legali għall-adozzjoni ta' sensiela sħiħa ta' azzjonijiet legali, li jirrigwardaw kemm l-agrikoltura u s-sajd, qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Dawk il-fatti waħedhom ma jidhirx li jsostnu l-inferenza li l-leġiżlaturi tat-Trattat FUE xtaqu jiżguraw li, f'ċirkustanzi fejn l-Artikolu 37 KE jkun użat qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-Artikolu 43(2) TFUE għandu jintuża issa.

60. Madankollu, u ċertament, huwa diffiċli li tinjora x-xebh bejn l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 43(3) TFUE. Jekk xejn, l-Artikolu 43(3) TFUE jista' jidher li huwa iktar ristrett fil-portata tiegħu mill-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku billi, b'kuntrast mad-dispożizzjoni ulterjuri, ma jsemmi xejn dwar "kundizzjonijiet assoċjati ma'" [12]. Tenut kont tal-kambjament sostanzjali li issa saru fil-qafas tat-Trattat b'mod ġenerali u wkoll fil-qasam tal-agrikoltura u tas-sajd b'mod partikolari, jidher daqstant ieħor li, kif jikkontendi l-Kunsill, fil-fatt il-kambjamenti fit-Trattat jirriflettu x-xewqa tal-leġiżlaturi li jirriżervaw lill-Kunsill — minkejja l-estensjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja f'dan il-qasam — ċerti setgħat speċifiċi (awtonomi), iktar milli setgħat ta' implementazzjoni limitati.

61. Dan iwassalni għall-punt li jmiss. Ebda parti ma tinnega li l-leġiżlaturi tat-Trattat ippreskrivu l-proċedura leġiżlattiva ordinarja taħt l-Artikolu 43(2) TFUE għall-kategorija iktar ġenerali ta' miżuri, partikolarment dawk meħtieġa li jilħqu l-objettivi tal-PKS, filwaqt li rriżervaw proċedura mhux leġiżlattiva taħt l-Artikolu 43(3) TFUE għal ċertu tip ta' miżura regolatorja (li, madankollu, bħall-istabbiliment regolari tat-TACs, tista' fl-istess ħin tkun meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS). Madankollu, hemm nuqqas ta' qbil kunsiderevoli dwar ir-relazzjoni bejn dawk il-proċeduri u l-miżuri korrispondenti.

12 — Punt ieħor interessanti li wieħed għandu jinnota hawn huwa li l-kliem użat fl-Artikolu 43(3) TFUE huwa wkoll simili ħafna għal dak tal-Artikolu III-231(3) tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa: "Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej dwar l-iffissar ta' prezzijiet, imposti, għajnuna u limitazzjonijiet kwantitattivi u dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd." Kuntrarju għall-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku, it-test ta' dik id-dispożizzjoni huwa sieket dwar "il-kondizzjonijiet assoċjati ma' dawk il-limiti tal-[qabda u s-sajd]." Tabilħaqq, dik id-dispożizzjoni tirreferi b'mod ċar għal dispożizzjonijiet sekondarji (b'kuntrast ma' liġijiet Ewropej) li jidhru jindikaw ġerarkija bejn strumenti legali u strumenti li jinsabu, skont l-ordni ta' preċedenza, fuq livell sekondarju minn strumenti legali. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Venezwela, punt 168. Madankollu, dak ma jfissirx awtomatikament li dawk l-istrumenti huma interdipendenti jew li wieħed huwa neċessarjament subordinat għall-ieħor.

ii) Ġerarkija jew bla ġerarkija?

62. Kif diġà semmejt, il-Kunsill u l-gvernijiet intervenjenti jargumentaw illi l-Artikolu 43(3) TFUE jikkostitwixxi bażi legali separata u ma għandux jintuża biss sempliċement għal miżuri tekniċi bħall-istabbiliment ta' TACs. Fl-opinjoni tiegħi, il-fatt li l-Artikolu 43(3) TFUE huwa fformulat b'tali mod li jkopri "miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd", iktar milli jkun limitat, pereżempju, sabiex sempliċement iħeġġeġ lill-Kunsill li "jiffissa u jalloka opportunitajiet tas-sajd", la huwa naħa u lanqas oħra. Abbażi tal-kliem ta' dik id-dispożizzjoni, huwa possibbli li tiddefendi — bl-istess mod (mhux) konvinċenti — kemm l-interpretazzjoni rrilevata mir-rikorrenti u kif ukoll l-interpretazzjoni tal-Kunsill.

63. Min-naħa l-oħra, abbażi tal-kliem, xejn ma jidher li jeskludi mill-ewwel il-possibbiltà li l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 43(3) TFUE jistabbilixxu żewġ kompetenzi separati għall-istituzzjonijiet tal-UE. Skont il-qari tagħhom, dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet jistgħu jkunu reċiprokament esklużivi u komplementari. Tabilħaqq, minix konvint li sempliċement għaliex il-leġiżlaturi tat-Trattat iddeċidew li jestendu l-ambitu tal-proċedura ordinarja leġiżlattiva sabiex tkopri l-agrikoltura u s-sajd, kull kompetenza oħra pprovduta fit-Trattati f'dak il-qasam għandhom neċessarjament jiġu interpretati b'mod ristrett jew subordinat għall-kompetenza leġiżlattiva.

64. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja issa stabbilixxiet ġerarkija ċara bejn dawk id-dispożizzjonijiet. Fis-sentenza Venezwela, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li miżuri meħuda abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE huma ta' natura teknika primarja u intiżi li *jimplementaw* dispożizzjonijiet adottati abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE [13]. Barra minn hekk, wara eżami dettaljat tad-dikjarazzjoni inkwistjoni f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, preċiżament minħabba li dik id-dikjarazzjoni kkostitwixxiet miżura li timplika l-adozzjoni ta' deċiżjoni awtonoma li trid issir b'referenza għall-interessi ta' politika tal-Unjoni Ewropea segwiti permezz tal-politiki komuni tagħha, b'mod partikolari l-politika komuni tas-sajd, dik id-dikjarazzjoni taqa' taħt qasam ta' kompetenza li huwa fost dawk li fihom huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jiddeċiedi skont l-Artikolu 43(2) TFUE [14].

65. Jidher għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja donnha aċċettat li primarjament l-Artikolu 43(3) TFUE jikkonċerna miżuri, li jixbhu lil dawk ikkunsidrati skont l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku preċedenti, li jridu jittieħdu f'intervalli regolari (pereżempju, l-istabbiliment tat-TACs) [15]. Barra minn hekk, nara dik is-sentenza — u, b'mod partikolari, id-dikjarazzjoni rigward il-ħtieġa li tiġi rriżervata lil-leġiżlatur tal-UE l-kompetenza li jieħu deċiżjonijiet awtonomi skont l-interessi politiċi tal-UE — bħala li tindika li r-rimedju għall-Artikolu 43(3) TFUE huwa fil-fatt suġġett għal kundizzjoni preċedenti, jiġifieri l-eżistenza ta' miżura relatata skont l-Artikolu 43(2) TFUE.

66. Fi kliem ieħor, kull deċiżjoni *awtonoma* li tinvolvi kunsiderazzjonijiet ta' politika, issa neċessarjament taqa' taħt l-Artikolu 43(2) TFUE. Fid-dawl ta' dak li stħarrġet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Venezwela, nemmen li kull miżura li tistabbilixxi qafas għall-iffissar u għall-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd, tibda taqa' fil-portata tal-Artikolu 43(2) TFUE. Dan minħabba li tali qafas ma jistax jinftiehem bħala miżura intiża sempliċement sabiex timplementa dispożizzjoni adottata fuq livell ogħla fir-rigward ta' interessi ta' politika speċifiċi tal-Unjoni Ewropea. Miżuri skont l-Artikolu 43(3) TFUE għandhom għalhekk jiġu ristretti għal dawk li jirrelataw mill-qrib mad-definizzjoni ta' min jista' jistad xiex, u fejn, u kundizzjonijiet funzjonalment marbuta ma' dawk il-mistoqsijiet (kemm-il darba dawn jikkostitwixxu miżuri ta' implementazzjoni), filwaqt li miżuri li jirrigwardaw aspetti oħra ta' opportunitajiet tas-sajd ma jistgħux jiġu koperti mill-Artikolu 43(3) TFUE [16].

13 — Punt 50 tas-sentenza Venezwela.

14 — Punti 79 sa 81 tas-sentenza.

15 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Venezuela, punt 164.

16 — Fl-istess linja, ara wkoll il-Konklużjoni tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża *Venezwela* punt 169.

67. Ikkunsidrati f'dan id-dawl, nemmen li huma f'lokhom il-paralleli bejn l-Artikolu 43(3) TFUE u atti ta' implementazzjoni bbażati fuq l-Artikolu 291 TFUE. Min-natura proprja tagħhom, miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd, li għandhom jirrispettaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi tal-PKS, jistgħu jiġu assimilati għal miżuri ta' implementazzjoni. Dan hu minnu anki jekk jaqgħu lil hinn mill-portata tal-"atti ta' implimentazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 291 TFUE. Dan l-approċċ u l-linja ta' demarkazzjoni bejn it-tipi ta' miżuri li jistgħu jiġu adottati skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 43(3) TFUE, rispettivament, ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Venezwela.

68. Hekk kif wieħed iżomm f'moħħu dak li hemm imsemmi iktar 'il fuq, issa huwa neċessarju li jiġi ddeterminat jekk id-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-regolament ikkontestat u li nqalgħu mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni huma miżuri tekniċi — l-adozzjoni tagħhom ma teħtieġx evalwazzjoni ta' neċessità — intiżi li jimplementaw dispożizzjonijiet adottati abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE.

## 2. Ir-regolament ikkontestat

69. Bħala sottomissjoni prinċipali, il-Parlament u l-Kummissjoni jargumentaw illi l-Kunsill uża l-bażi legali żbaljata għar-regolament ikkontestat. Huma jsostnu li dan huwa hekk minħabba li d-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dak ir-regolament nqalgħu mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni għall-emendar tar-Regolament Nru 1342/2008 u sussegwentement adottati abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE minflok l-Artikolu 43(2) TFUE, li kien il-bażi legali tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. Qabel nindirizza dik is-sottomissjoni, ser nispjega fil-qosor dwar x'inhuma intiżi li jagħmlu l-pjanijiet pluriennali, bħall-pjan stabbilit bir-Regolament Nru 1342/2008 u emendat bir-regolament ikkontestat.

### a) X'inhuma l-pjanijiet pluriennali u għaliex huma intiżi?

70. Qabel xejn, għandu jiġi rrimarkat li l-għan globali tal-PKS huwa, mingħajr kontestazzjoni, l-esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi akwatiċi ħajjin. Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku, dak l-objettiv għandu jintlaħaq, b'mod partikolari, permezz ta' approċċ pluriennali għall-immaniġġar tas-sajd kif inhu speċifikat fi pjanijiet pluriennali varji. F'dak il-kuntest ta' sostenibbiltà, pjanijiet pluriennali jistabbilixxu l-miżuri speċifiċi meħtieġa għall-irkupru ta' livelli ta' stokk jew, jekk l-istokk huwa diġà f'livell sostenibbli, għaż-żamma tal-istokk f'dak il-livell.

71. Dawk il-pjanijiet, inkluż il-pjan stabbilit għall-merluzz skont ir-Regolament 1342/2008, jipprovdu għal serje ta' miżuri ta' konservazzjoni speċifiċi sabiex isostnu l-immaniġġar sostenibbli tas-sajd inkwistjoni. Dawn jinkludu żoni magħluqa, dispożizzjonijiet tekniċi stretti dwar id-daqs ta' xbieki u apparat, kif ukoll ta' forom varji ta' monitoraġġ, spezzjoni u kontroll. B'mod partikolari, il-pjanijiet huma intiżi, li jistabbilixxu miri għal esplojtazzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati. Dan isir, *inter alia*, permezz ta' regoli dettaljati għall-iffissar annwali tat-TACs, minn naħa, u l-isforzi massimi permissibbli tas-sajd min-naħa l-oħra.

72. Skont l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament bażiku, kemm il-pjanijiet ta' rkupru kif ukoll il-pjanijiet ta' mmaniġġar għandhom jinkludu miri li fuqhom għandu jiġi evalwat l-istat tal-istokk. Filwaqt li regoli dwar il-qbid[17] — li, skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku, jikkostitwixxu sett predeterminat ta' parametri bijoloġiċi li jirregolaw limiti tal-qabda — ma humiex obbligatorji, il-limitazzjoni ta' sforzi tas-sajd hija, bħala punt ta' prinċipju, obbligatorja għall-pjanijiet ta' rkupru.

17 — Jidher li hemm xi nuqqas ta' qbil dwar id-definizzjoni tal-frażi "regoli dwar qbid". Bla dubju dan huwa minħabba l-fatt li d-definizzjonijiet ta' dik il-frażi fil-premessa 7 tar-Regolament bażiku u fl-Artikolu 5(4) ivarjaw. Tenut kont tad-definizzjoni iktar preċiża fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament, iktar 'il quddiem ser nirreferi biss għal regoli dwar qbid fir-rigward tat-TACs u mhux għall-isforzi tas-sajd.

b) Il-metodu għall-istabbiliment tat-TACs u l-allokazzjoni ta' sforzi tas-sajd f'kundizzjonijiet insuffiċjenti ta' data.

73. Kif jidher minn dak li ntqal iktar 'il fuq, pjanijiet pluriennali huma għodda għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, li b'mod deċiżiv jikkontribwixxu għal esplojtazzjoni sostenibbli ta' dawk l-istokkijiet. F'dak ir-rigward, pjanijiet pluriennali huma kruċjali għall-ksib tal-objettivi tal-PKS: iqiegħdu fil-prattika prinċipji wiesgħa ta' konservazzjoni u sostenibbiltà li jiġu bbilanċjati kontra objettivi soċjoekonomiċi. Jidher li l-partijiet kollha jaqblu fuq dan.

74. B'żieda mar-rwol kruċjali tal-pjanijiet pluriennali sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS, il-partijiet kollha jidhru li jaqblu li jekk l-Artikolu 43(3) TFUE ma huwiex il-bażi legali xierqa għar-regolament ikkontestat, għaldaqstant l-Artikolu 43(2) ikun (u li, jekk dak ikun il-każ, l-ebda parti mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni ma kellha tinqala'). L-ebda parti ma targumenta li bażi legali doppja kellha tiġi ċċitata għar-regolament ikkontestat.

75. F'dan ir-rigward, huwa stabbilit fid-dritt illi l-għażla ta' bażi legali għal miżura tal-UE għandha tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi li jkunu miftuħa għal stħarriġ ġudizzjarju. Dawn ma jinkludux biss l-għan u l-kontenut tal-miżura, iżda wkoll il-kuntest leġiżlattiv [18].

76. L-ewwel nett b'ħarsa lejn il-kuntest, il-Pjan għall-Merluzz, kif previst fir-Regolament Nru 1342/2008, kien ibbażat fl-intier tiegħu fuq l-Artikolu 37 KE. Madankollu, tenut kont li minn dak iż-żmien ix-xenarju kostituzzjonali fil-qasam tas-sajd għadda minn kambjamenti sinjifikattivi [19], tkun tidher konklużjoni mgħaġġla, fuq dik il-bażi waħdanija, li emendi sussegwenti għal dak il-pjan għandhom neċessarjament ikunu bbażati fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.

77. Jekk dan huwa aċċettat, il-problema hawnhekk ma hijiex fl-identifikazzjoni tal-iskop predominanti jew il-kontenut tar-regolament ikkontestat. Kif jista' jidher mill-preambolu, l-għan ta' dak ir-regolament huwa li jiġu aġġustati regoli speċifiċi li jippreskrivu metodoloġija ddettaljata għall-iffissar annwali tat-TACs u limitazzjonijiet tal-isforzi tas-sajd b'mod illi jirrifletti l-ħtieġa ta' flessibbiltà fl-iffissar u fl-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd abbażi ta' data xjentifika [20].

78. L-Artikoli 9 u 12 tal-Pjan għall-Merluzz, kif rispettivament mibdula u emendati bir-regolament ikkontestat, jistabbilixxu regoli dettaljati għall-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd, espressi skont it-TACs u limitazzjonijiet ta' sforzi tas-sajd, f'ċerti settijiet ta' ċirkustanzi speċifiċi. F'dak is-sens, huma jadottaw l-eċċezzjonijiet għar-regoli li kieku jkunu applikabbli għall-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd. Ċertament, dan isir mingħajr ma jiġi emendat l-objettiv ħolistiku tal-Pjan għall-Merluzz espress f'termini ta' introjtu massimu sostenibbli u r-rata ta' mortalità tal-ħut fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1342/2008 [21]. Madankollu, tenut kont tal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Venezwela — u, b'mod partikolari, il-kostruzzjoni stretta tagħha tal-Artikolu 43(3) TFUE — il-kwistjoni li issa tqum hija jekk id-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-regolament ikkontestat jikkostitwixxux iktar minn sempliċement miżuri tekniċi intiżi li jimplementaw il-Pjan għall-Merluzz b'mod sħiħ.

79. Fl-opinjoni tiegħi, dan huwa l-każ. Tabilħaqq, kif diġà indikat (u, essenzjalment, aċċettat mill-Kunsill), ir-regolament ikkontestat jipprovdi (uħud mill-) mezzi sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Pjan għall-Merluzz li jikkonċernaw l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet għas-sajd.

18 — Ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-43/12, EU:C:2014:298, punt 29, u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-137/12, EU:C:2013:675, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata. Għall-kuntest leġiżlattiv, ara b'mod partikolari s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-411/06, EU:C:2009:518, punti 64 u 65.

19 — Ara l-punt 59 iktar 'il fuq.

20 — Premessi 3 sa 5 tar-regolament ikkontestat.

21 — Tabilħaqq, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, l-objettivi tal-pjan huma indikati b'referenza għal dawk il-"punti ta' referenza dwar konservazzjoni" speċifiċi.

80. F’dak ir-rigward, l-ewwel nett, il-Pjan għall-Merluzz kif stabbilit fir-Regolament Nru 1342/2008 (ir-regolament li huwa emendat bir-regolament ikkontestat) huwa intiż li jiżgura, skont l-Artikolu 5 segwenti, l-esplojtazzjoni sostenibbli ta’ stokkijiet ta’ merluzz rilevanti abbażi ta’ introjtu sostenibbli. Dan l-objettiv għandu jintlaħaq filwaqt li jinżamm livell speċifiku ta’ mortalità mis-sajd għall-merluzz fi gruppi adatti ta’ età. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, l-Artikoli 7 sa 10 ta’ dak ir-regolament jipprovdu regoli dwar il-qbid rigward il-mod li bih it-TACs u l-isforzi tas-sajd għandhom jiġu kkalkolati f’ċirkustanzi varji. Essenzjalment, dawk id-dispożizzjonijiet jartikolaw il-mezzi li permezz tagħhom għandu jintlaħaq l-objettiv tal-pjan definit fl-Artikolu 5.

81. B’mod iktar speċifiku, fir-rigward tar-regolament ikkontestat, il-kontenut materjali tal-Artikolu 9 (metodu għall-istabbiliment tat-TACs f’kundizzjonijiet ta’ data insuffiċjenti) u tal-Artikolu 12 (metodoloġija għall-istabbiliment tal-isforz tas-sajd), kif emendati, jidher li jikkostitwixxi qafas, jew tassew — sabiex tadotta l-espressjoni użata mill-Avukat Ġenerali Sharpston — *prerekwiżit*[22] għall-iffissar ta’ opportunitajiet tas-sajd matul is-snin. Kif naraha jien, dawk id-dispożizzjonijiet ma humiex sempliċement miżuri intiżi li jimplementaw il-Pjan għall-Merluzz iżda blokki essenzjali integrali għal dak il-pjan. Huwa għalhekk illi jridu jiġu indirizzati fl-att leġiżlattiv bażiku.

82. F’dak ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-karattru mhux obbligatorju ta’ dawk il-miżuri. Fl-opinjoni tiegħi, madankollu, il-fatt li dawk ir-regoli jistgħu jew ma jistgħux ikunu obbligatorji huwa irrilevanti. Fil-fatt, evalwazzjoni tal-ħtieġa, fid-dawl tal-objettiv tal-PKS, hija inkluża mhux biss bl-għażla li tinkludi dawk ir-regoli fi pjan pluriennali, iżda wkoll fid-determinazzjoni tal-kontenut ta’ dawk ir-regoli. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dik l-evalwazzjoni taqa’ bħala li tista’ tkun fi proċedura leġiżlattiva. Probabbli, hija iktar fundamentali li dawk id-dispożizzjonijiet mhux sempliċement “jiffissaw” jew “jallokaw” opportunitajiet tas-sajd. Kif jista’ jidher mir-regolament ikkontestat, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jipprovdu metodu ddettaljat li għandu jiġi segwit meta opportunitajiet tas-sajd huma ffissati u allokati skont l-Artikolu 43(3) TFUE. Fi kliem ieħor, jipprovdu qafas li fih huma ffissati l-opportunitajiet tas-sajd u allokati f’ċerti ċirkustanzi speċifiċi.

83. B’mod iktar speċifiku, fir-rigward tal-Artikolu 9 tal-Pjan għall-Merluzz, kif sostitwit bir-regolament ikkontestat, dik id-dispożizzjoni tistabbilixxi regoli dettaljati għall-iffissar tat-TACs f’kundizzjonijiet ta’ data insuffiċjenti fejn ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 ma jistgħux jiġu applikati minħabba nuqqas ta’ informazzjoni suffiċjentement preċiża u rappreżentattiva. Dik l-emenda introduċiet regoli iktar flessibbli li jippermettu rispons xieraq għal parir xjentifiku, iktar milli timponi tnaqqis awtomatiku ta’ 25 % kif oriġinarjament intiż fir-Regolament Nru 1342/2008.

84. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 12(4) tal-Pjan għall-Merluzz għadda minn emendar simili fir-rigward tal-istabbiliment tal-isforzi tas-sajd f’kundizzjonijiet ta’ data insuffiċjenti. Ġie miżjud ukoll paragrafu 6 ġdid mal-Artikolu 12, li permezz tiegħu huwa possibbli għall-Kunsill li ma japplikax tnaqqis addizzjonali għall-isforzi tas-sajd, kemm-il darba l-limitu tal-isforzi tas-sajd ikun tnaqqas għal erba’ snin konsekuttivi.

85. B’dak stabbilit, jekk l-approċċ ippropogat mill-Kunsill jiġi segwit, il-Kunsill ikollu setgħa mhux biss li jiffissa u jalloka l-opportunitajiet tas-sajd (fuq bażi annwali), iżda wkoll — fil-kors ta’ dik l-istess proċedura ta’ teħid ta’ deċiżjoni — li jiddetermina l-mekkaniżmu sabiex jagħmel dan.

22 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Venezwela, punt 169.

86. Filwaqt li jista' jkun veru li, kif tosserva l-Kummissjoni, dan jista' joħloq riskju li kunsiderazzjonijiet (politiċi jew ekonomiċi) għal żmien qasir joħonqu kunsiderazzjonijiet għal żmien fit-tul li jappartjenu għal sostenibbiltà, l-ebda rikorrent ma wera li tfaċċa tali riskju f'dawn il-kawżi[23]. Għall-kuntrarju, il-partijiet kollha jidhru li huma ssodisfatti bil-kontenut materjali tad-dispożizzjonijiet stipulati fir-regolament ikkontestat. Barra minn hekk, irrid nirrimarka li, anki skont l-Artikolu 43(3) TFUE, il-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi waħdu: il-Kummissjoni għandha d-dritt ta' inizjattiva u għandha tippreżenta l-proposta għal miżuri adottata taħt dik id-dispożizzjoni. F'dak is-sens, l-affermazzjonijiet li l-Kunsill jista' jaqbad jiddeċiedi waħdu minn jeddu u li, mingħajr l-involviment tal-Parlament fil-proċedura ta' teħid ta' deċiżjoni, l-objettivi tal-PKS ma jkunux ikkunsidrati, jippresupponi li, f'tali ċirkustanzi, il-Kummissjoni wkoll taf taġixxi f'dan il-mod, flimkien mal-Kunsill.

87. Iktar importanti, għalhekk, jekk l-Artikolu 43(3) TFUE jiġi interpretat li jkopri miżuri li jiddefinixxu l-qafas li fih jiġu ffissati u allokati l-opportunitajiet tas-sajd, ikun kompletament f'konfront mal-idea li kull deċiżjoni li tinvolvi għażliet politiċi għandha ssir fil-kors tal-proċedura leġiżlattiva. Jekk il-Kunsill kellu jitħalla jadotta, abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE, regoli dwar il-qbid u l-limiti għall-isforz tas-sajd bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża, mhux biss ikollu s-setgħa li jeżegwixxi l-għażliet magħmula mil-leġiżlatur attwalment permezz tal-iffissar u tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, iżda jkun ukoll, effettivament, rikonoxxut bħala li għandu setgħa li jaġixxi ta' regolatur waħdieni fid-definizzjoni tal-qafas li fih l-opportunitajiet tas-sajd attwali jiġu ddeterminati f'ċerti kundizzjonijiet speċifiċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li sitwazzjoni bħal dik tkun illegali[24].

88. Qabel nikkonkludi, huwa neċessarju li nindirizza t-tħassib tal-Kunsill u tal-gvernijiet intervenjenti. Huma mħassbin għall-fatt li l-interpretazzjoni proposta mill-Parlament u mill-Kummissjoni, u essenzjalment ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja, tneħħi kull tifsira għall-Artikolu 43(3) TFUE u kunsiderevolment tillimita d-diskrezzjoni tal-Kunsill fit-teħid ta' miżuri taħt dik id-dispożizzjoni.

89. Għalkemm forsi ma tneħħix kull tifsira tal-Artikolu 43(3) TFUE, l-interpretazzjoni proposta mill-Parlament u mill-Kummissjoni ċertament tikkonsisti f'kostruzzjoni dejqa ta' dik id-dispożizzjoni u tal-kompetenzi li jsegwu. Iżda, fil-fatt, dik hija l-konsegwenza tal-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Venezwela. Kif inhi l-liġi, il-marġni diskrezzjonali (sew jekk iktar jew inqas) li jgawdi l-Kunsill fl-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 43(3) TFUE tiddependi minn kemm il-leġiżlatur iddeċieda li jħallilha libertà[25].

90. Intenni għalhekk, li l-Artikoli 9 u 12 tal-Pjan għall-Merluzz kif rispettivament mibdula u emendati bir-regolament ikkontestat, mhux biss jimplementaw għażliet magħmula mil-leġiżlatur tal-UE, iżda wkoll jiddefinixxu l-qafas għall-iffissar u għall-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd f'ċerti ċirkustanzi speċifiċi. Huwa għalhekk li naħseb li r-regolament ikkontestat ġie adottat fuq bażi legali żbaljata u li, bit-tneħħija ta' dawk id-dispożizzjonijiet mill-kumplament tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill aġixxa illegalment. Għaldaqstant, l-uniku motiv imressaq mill-Parlament u l-ewwel motiv li fuqu tibbaża l-Kummissjoni għandhom jintlaqgħu.

91. Fiha nnifisha, konklużjoni f'dak is-sens hija suffiċjenti sabiex jintlaqgħu t-talbiet tal-Parlament u tal-Kummissjoni f'dawn il-kawżi, u li r-regolament ikkontestat jiġi annullat. Madankollu, għall-finijiet ta' kompletezza, ser nindirizza fil-qosor iż-żewġ motivi rimanenti mressqa mill-Kummissjoni u t-talba magħmula mill-Kummissjoni u mill-Kunsill li l-effetti tar-regolament ikkontestat jiġu sostnuti.

23 — Madankollu, dawk il-kunsiderazzjonijiet għal żmien qasir jidher li juru l-bżonn li urġentement jiġu adottati d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regolament ikkontestat. Kif jispjega l-Kunsill fil-premessa 5 ta' dak ir-regolament, pereżempju, l-applikar kontinwu tat-tnaqqis awtomatiku tal-isforz annwali kif jinsab fir-Regolament Nru 1342/2008 ikollu impatt ekonomiku u soċjali sinjifikattiv fuq ċerti setturi tal-flotta.

24 — Ara, b'mod partikolari, punt 50 tas-sentenza Venezwela.

25 — Li kieku r-regolament ikkontestat kien adottat abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE, l-Artikolu 12(6), kif emendat, ikun jipprovdi stampa ċara ta' dispożizzjoni leġiżlattiva li tattribwixxi tali libertà lill-Kunsill.

D – *Kwistjonijiet pendenti: żball proċedurali, id-dritt ta' inizjattiva esklużiv tal-Kummissjoni, u l-effetti tar-regolament ikkontestat*

92. It-tieni motiv imressaq mill-Kummissjoni jikkonċerna allegat żball proċedurali: jingħad illi, b'riżultat tal-iżbaljar fl-għażla tal-bażi legali, il-Kunsill kiser ukoll il-prerogattiva istituzzjonali tal-Parlament li jipparteċipa fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja u dik tal-KESE li jkun ikkonsultat. Kif tosserva l-Kummissjoni stess, dan il-motiv jinżamm jew jaqa' mal-ewwel wieħed. Iktar 'il fuq ikkonkludejt illi l-ewwel motiv, li jappartjeni għall-għażla ta' bażi legali, għandu jintlaqa'. Isegwi li t-tieni motiv tal-Kummissjoni għandu jintlaqa' wkoll.

93. Hekk ukoll għandu jkun għat-tielet motiv[26]. Dan ma huwiex biss għaliex l-Artikoli 9 u 12 tal-Pjan għall-Merluzz kif rispettivament mibdula u emendati bir-regolament ikkontestat kienu, illegalment, ġew immetamorfizzati minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi għal regolatorji: b'riżultat ta' dak il-kambjament, in-natura legali ta' dawk id-dispożizzjonijiet (anki jekk l-għan u l-kontenut tagħhom setgħu ma nbidlux) tinbidel b'mod fundamentali. Iktar minn hekk, l-approċċ ħolistiku għall-immaniġġar tal-istokkijiet tal-merluzz ikun mibdul b'mod sinjifikattiv.

94. Madankollu, fil-każ illi l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx miegħi li l-Artikolu 43(3) TFUE kien il-bażi legali żbaljata għar-regolament ikkontestat, nipproponi li t-tielet motiv imressaq mill-Kummissjoni jkun miċħud. Tabilħaqq, kemm il-Kummissjoni u l-Kunsill jaqblu li modifika fil-bażi legali ma timplikax b'mod awtomatiku kambjament fundamentali fis-suġġett u l-objettivi tal-proposta. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra li l-Kunsill kellu raġun li jaqsam il-proposta u li jadotta r-regolament ikkontestat skont l-Artikolu 43(3) TFUE (b'raġunament li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni huma miżuri ta' implementazzjoni tekniċi għall-Pjan għall-Merluzz sħiħ), ikun imbagħad meħtieġ li tiġi kkoreġuta l-bażi legali kif xieraq[27].

95. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni u l-Kunsill, li jibbażaw fuq l-Artikolu 264(2) TFUE, jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja żżomm l-effetti tar-regolament ikkontestat fl-eventwalità ta' annullament[28]. Il-Parlament ma oġġezzjonax għal din it-talba.

96. Iktar 'il fuq ikkonkludejt li r-regolament ikkontestat għandu jiġi annullat. B'konsegwenza, il-bażi li fuqha ġew iffissati l-opportunitajiet tas-sajd sa mill-2013, parzjalment jisparixxu. Fl-opinjoni tiegħi, dik hija sitwazzjoni li fiha jistgħu jiġu identifikati raġunijiet importanti li jirrigwardaw iċ-ċertezza legali u l-ħtieġa li jiġu evitati konsegwenzi negattivi serji għal dan il-qasam, li jiġġustifikaw deċiżjoni li jinżammu l-effetti tal-att annullat[29].

97. Fiċ-ċirkustanzi preżenti, meta attivitajiet tas-sajd kienu attwalment ġew ikkundizzjonati bl-applikazzjoni ta' regoli stabbiliti bir-regolament ikkontestat fir-rigward ta' stabbiliment ta' TACs u limiti għall-isforz tas-sajd, diżordni fl-applikazzjoni ta' dak ir-regolament mhux biss tkun problematika fis-sens taċ-ċertezza legali (billi r-regolamenti speċifiċi[30] li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd attwali

26 — Bħala punt ta' prinċipju, il-Kunsill jista' jaqsam il-proposti tal-Kummissjoni meta li tagħmel dan ikun ġustifikat fid-dawl tal-kontenut tal-proponent. Dan huwa minħabba l-fatt li għalkemm il-Kummissjoni għandha d-dritt ta' inizjattiva dak id-dritt ma huwiex assolut. Madankollu, il-Kunsill jista' jieħu biss dak il-pass (unanimament, skont l-Artikolu 293(1) TFUE), sal-punt illi dan huwa konsistenti mal-objettiv u mal-għan tal-proposta oriġinali, kif mitlub mill-Qorti tal-Ġustizzja. Ara s-sentenza Eurotunnel *et* C-408/95, EU:C:1997:532, punt 39.

27 — Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Venezwela, punti 196 u 197.

28 — Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-effetti tar-regolament ikkontestat għandhom jinżammu għal massimu ta' sena kalendarja li tibda mill-1 ta' Jannar ta' wara l-għoti tas-sentenza f'dawn il-kawżi.

29 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-166/07, EU:C:2009:499, punti 74 u 75; Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-355/10, EU:C:2012:516, punti 89 u 90; Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-43/12, EU:C:2014:298, punti 54 sa 56; u Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-490/10, EU:C:2012:525, punti 91 u 92.

30 — Għas-sena inkwistjoni, dawn huma r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 39/2013, tal-21 ta' Jannar 2013, li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati (ĠU L 23, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013, tal-21 ta' Jannar 2013, li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati (ĠU L 23, p. 54).

f'sena partikolari jistgħu jkunu inkonsistenti mal-Pjan għall-Merluzz oriġinali), iżda jista' jkollha wkoll konsegwenzi negattivi usa' għall-industrija. Barra minn hekk, il-partijiet kollha involuti f'dawn il-proċeduri jidhru li japprovaw il-kontenut materjali tar-regolament ikkontestat u l-unika nuqqas ta' ftehim sostanzjali jikkonċerna l-għażla tal-bażi legali.

98. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nemmen li l-effetti tar-regolament ikkontestat għandhom jinżammu. Hemm appell partikolari għas-suġġeriment tal-Kummissjoni li żżomm l-effetti tar-regolament ikkontestat għal sena kalendarja sħiħa wara l-għoti tas-sentenza. Dan jiżgura ċertezza legali avvanzata mill-perspettiva tas-sajjieda b'mod partikolari, tenut kont li l-opportunitajiet tas-sajd huma ġeneralment stabbiliti fuq bażi annwali għal sena kalendarja speċifika. Madankollu, u minkejja l-prattiċità li jista' jkollha, huwa ta' importanza fundamentali li l-effetti ta' atti illegali ma jinżammux fis-seħħ għal iktar minn dak li strettament huwa meħtieġ. Sabiex tinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet tal-UE jadottaw regolament ġdid fuq il-bażi legali korretta malajr kemm jista' jkun, fl-opinjoni tiegħi l-effetti tar-regolament ikkontestat għandhom jinżammu għal perijodu li ma jeċċedix sitt xhur mid-data tal-għoti tas-sentenza f'dawn il-kawżi.

## IV – **Spejjeż**

99. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu mill-parti li tirbaħ. Peress li l-Kunsill tilef, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż f'dawn il-kawżi kif mitlub mill-Parlament u mill-Kummissjoni.

100. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li Stati Membri intervenjenti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika tal-Polonja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

## V – **Konklużjoni**

101. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1243/2012, tad-19 ta' Diċembru 2012, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet;

— iżżomm fis-seħħ, skont l-Artikolu 264(2) TFUE, l-effetti tar-regolament annullat sakemm jidħol fis-seħħ, fi ħdan perijodu li ma jeċċedix sitt xhur mid-data tal-għoti tas-sentenza f'dawn il-kawżi, regolament ġdid adottat fuq il-bażi legali korretta;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż; u

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika tal-Polonja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.